

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9330 — Denso/Hirose)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 251/05)

1. Fit-22 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Denso Corporation ("Denso", il-Ġappun),
- Hirose Plant (il-Ġappun), li huwa l-proprjetà tat-Toyota Motor Corporation.

Denso takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-Hirose Plant kollha kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Denso hija manifattur u fornitur Ġappuniż ta' partijiet u komponenti tal-karozzi avvanzati għall-manifatturi tal-vetturi, ta' prodotti għall-konsumatur li mhumiex tal-karozzi u ta' prodotti industrijali,
- Il-Hirose Plant hija faċilità ta' manifattura, li hija involuta fil-produzzjoni ta' semikondutturi u ta' komponenti elettro-niċi għall-użu fil-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jintħieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9330 — Denso/Hirose

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").